25 ta' Mejju, 1956

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

**Vincenza Zarb *versus* George Pace**

## Mandat — Art. 1972 u 1973 tal-Kodiċi Civili

***Il-mandatarju ma għandux bżonn jiddikjara formalment u espliċitament mat-terzi li hu qiegħed jaġixxi għan-nom tal-mandant, imma hu biżżejjed li l-kwalità tiegħu ta' mandatarju tista' tiġi inferita.***

*Għaldaqstant, meta t-terz jiġi azzjonat mill-mandant, li jkun ikkuntratta miegħu permezz ta' mandatarju, dak it-terz, avvolja l-mandatarju ma jkunx iddikjaralu espressament u formalment li kien qiegħed jaġixxi miegħu għan-nom tal-mandant, ma jistax isostni l-oppożizzjoni tiegħu għad-domanda tal-attur mandant fuq il-motiv li huwa ma għamel ebda negozju ma' dak l-attur mandant.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilha s-somma ta' £213, mill-istess konvenut lilha dovuta, kwantu għal £45 għal kera, ossija kumpens għall-użu, ta' żewġ trucks binnofs lira (10s.) kulljum mis-17 ta' Settembru 1948 sal-31 ta' Diċembru 1948, u kwantu għal £78 għal kera, ossija kumpens, tal-istess trucks biż-żewġ liri (£2) fil-ġimgħa mill-1 ta' Jannar 1949 sat-30 ta' Settembru 1949. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-12 ta' Ottubru 1949;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 1955, li biha ddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attriċi limitatament għas-somma ta' £57 u ċaħditha għall-bqija, u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda ta' Peter Degiorgio, addett għal dik il-parti tat-Teżorerija tal-Gvern li tieħu ħsieb il-kuntratti, jirriżulta illi l-imsemmi Antonio Zarb, iben l-attriċi, kien il-kuntrattur "for unloading and delivering articles imported by several Government Departments" għall-perijodu...;

*Omissis;*

Illi għalhekk jista' jingħad li jirriżulta li mis-16 ta' Ġunju 1948 il-konvenut baqa' juża t-truck "Ford V8" tal-attriċi, u l-konvenut kien jaf li dak it-truck kien tal-attriċi, għaliex hekk jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi (fol. 24) u mill-kumpless tax-xhieda tal-istess konvenut (fol. 73 u fol. 73 tergo);

*Omissis;*

Rat fil-fol. 114 il-petizzjoni li biha l-konvenut appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata, billi

tiġi konfermata in kwantu rrespinġiet it-talba għas-somma ta' £66, u tiġi revokata in kwantu laqgħet it-talba tal-attriċi għas-somma ta' £57; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-aggravji dedotti fil-petizzjoni u fid-dibattitu orali huma, in sostanza, dawn: —

1. Omissis;
2. Omissis;
3. L-appellant qatt ma kellu ebda negozju mal-attriċi Vincenza Zarb;

*Omissis;*

Kwantu għat-tielet aggravju, dan ma hux fondat; għal dawn ir-raġunijiet: —

(a) Kif jidher minn dak li ġie superjorment espost, l-użu li għalih qiegħed jiġi kalkulat il-kumpens, sar fl-epoka meta l-assoċjazzjoni kienet spiċċat;

(b) Għax il-Qorti hi soddisfatta li Antonio Zarb, meta għamel mal-appellant il-ftehim li dan Zarb semma, fol. 54, kien qiegħed jaġixxi, u wera li kien qiegħed jaġixxi, bħala mandatarju ta' ommu, il-lum mejta, Vincenza Zarb. Fuq dan il-pont, bħala pont tal-liġi, hemm fil-Kodiċi Ċivili Malti ż-żewġ artikoli 1972 u 1973. Dan l-artikolu tal-aħħar ġie meħud (kif jidher mill-Annotazzjonijiet ta' Sir Adrian Dingli) mill- art. 1744 tal-Kodiċi Taljan, u hu kważi identiku għalieh, salva xi ljevi differenza sempliċement ta' kliem. Kwantu għall-art. 1972, dan hu partikulari, u ma hemmx bħalu fil-Kodiċi Taljan; il-leġislatur, kif jidher mill-istess Annotazzjonijiet, ħadu mill-art. 8 tal-Kodiċi tal-Olanda u minn xi nsenjamenti dottrinali ta' Smith;

Issa, jidher mix-xhieda ta' Antonio Zarb, li hu ftiehem li l-appellant iħallas tat-truck ta' ommu Vincenza Zarb. Inoltre, l-attriċi (fol. 24) tikkorrobora indirettament din ix-xhieda ta' binha, fejn tgħid li dan kien qalilha li l-appellant kellu jħallas lilha. Anki mix-xhieda tal-konvenut stess (fol. 72 tergo u 73) jidher li hu kien jaf li l-biljetti tar-"ration" tal-petrol għal dan it-truck kienu f'isem Vincenza Zarb.

Lanqas seta' raġjonevolment l-appellant (il-maġġur interessat) jinjora dak li kienu josservaw is-subalterni, bħal Gio Maria Cassar, li osserva (fol. 24 tergo u 25) li, meta ġiet spikkata xi ċitazzjoni fuq il-"Ford V8", kienet Vincenza Zarb li dehret fil-Qorti, u kienet hi li kienet tħallas l-ispejjeż ta' tiswija tat-truck l-ieħor tagħha, li minnu wkoll kien isir użu. Ma għandux jintesa li, kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza taljana, u kif inhu raġjonevoli li wieħed jirritjeni, ma hemmx bżonn li l-mandatarju (fil-każ preżenti Antonio Zarb) jiddikjara formalment u espliċitament li hu qiegħed jaġixxi għan-nom ta' ħadd ieħor (fil-każ preżenti ta' ommu Vincenza Zarb), imma biżżejjed li l-kwalità tiegħu ta' mandatarju tista' tiġi inferita. Qalet il-Cassazione di Torino, 18 maggio 1908, Scala c. Hofer e De Vecchi, Giur. Tor. 1908, p. 963:— "...... non occorre che il mandatario dichiari in modo esplicito e formale tale sua qualità, potendosi invece questa indurre per equipollenti";

Għalhekk jirriżulta suffiċjentement li, meta spiċċat l-assoċjazzjoni bejn Zarb (bin l-attriċi) u l-appellant, u dan baqa' jagħmel użu tal-"Ford V8", u meta sar il-ftehim tal-kumpens, dan il-ftehim sar minn Zarb għan-nom u bħala mandatarju ta' ommu, li għalhekk, bħala "dominus negotii", tista' taġixxi għall-kumpens dovut;

Għal dawn ir-raġunijiet;

**Tiddeċidi;**

Billi tilqa' l-appell fis-sens biss li tirriduċi s-somma akkordata lill-attriċi għas-somma ta' £45; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata. Kwantu għall-ispejjeż tal-ewwel istanza, dawn għandhom jitħallsu fil-proporzjon tar-rebħ u tat-telf bejn is-somma mitluba ta' £123 u dik issa akkordata ta' £45; u kwantu għall-ispejjeż ta' din l-istanza, dawn jitħallsu fil-proporzjon tar-rebħ u t-telf bejn is-somma ta' £57 (meritu tal-appell) u s-somma ta' £45 issa akkordata.